KLR 3/VI/2009

Minuti tal-laqgħa b'urġenza li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 24 ta' Lulju 2009 fil-17.00.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-membri Marċell Tabone, Joe Debrincat, Michel Buttġieġ u Josef Schembri u s-Segretarja Eżekuttiva Miriam Attard.

SKUŻATI:- Il-Viċi Sindku Robert Tabone u l-membru Dr. Michael Portelli.

Intqalet talba. Il-membri qablu li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-kunsilliera li kienu fil-Kunsill ta' qabel u li ma kkontestawx l-aħħar elezzjoni.

Is-Segretarja Eżekuttiva resqet korrispondenza mingħand il-Viċi Sinkdu Robert Tabone fejn ressaq ir-riżenja tiegħu minn Viċi Sindku u kunsillier. Dan minħabba l-fatt li ħa promozzjoni ta' kariga ta' Direttur fi ħdan is-servizz pubbliku, liema promozzjoni timpedilu li jżomm kwalunkwe' kariga politika. Il-membri qalbu li s-Segretarja Eżekuttiva tgħarraf b'dan lid-Direttur għal-Gvern Lokali u lill-Kummissarju Elettorali. Qablu wkoll li Robert Tabone jiġi rringrazjat tax-xogħol li wettaq fil-Kunsill Lokali u nawgurawlu suċċess f'din il-kariga ġdida.

**Mozzjoni f'isem is-Sindku**

Fid-dawl ta' dan is-Sindku ressaq mozzjoni numru 19 li ġiet issekondata mill-kunsillier Schembri.

**Mozzjoni numru 19**

**Bil-preżenti u in vista tal-fatt illi l-Viċi Sindku Robert Tabone irriżenja minn dan il-Kunsill, qed nipproponi illi s-Sur Marċell Tabone jinħatar bħala Viċi Sinkdu wara li dan jaċċetta l-istess kariga.**

**U dan dejjem fl-interess suprem ta' Beltna.**

Il-membri qablu ma din il-mozzjoni. Il-kunsillier Tabone ġie mistoqsi jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku u dan aċċetta. Id-Direttur għall-Gvern Lokali għandu jiġi nfurmat b'dan.

**Offerta tad-Dawl ta' Pjazza San Ġorġ**

Is-Sindku beda' fuq is-suġġett billi ġibed l-attenzjoni rigward rapport li sar f'gażżetta lokali ta' nhar ta'Ħadd. Hu qal li mhix etika li dak li jintqal bejn il-membri tal-Kunsill jiġi mgħoddi lil ħaddieħor. Tenna li kull ma jasal għandu bħala Sindku jiġi mgħoddi lill-membri u dan isir pubbliku meta jiġi rreġistrat fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

Rigward l-offerta tad-Dawl ta' Pjazza San Ġorġ il-membri ġew magħrrfa li fl-10 ta' Lulju 2009 id-Dipartiment għal Gvern Lokali għarraf lill-Kunsill sabiex iwaqqaf il-proċess ta' l-offerta tad-dawl għal Pjazza San Ġorġ. Dan minħabba li d-Dipartiment qal li mid-dokumenti jirriżulta li l-kuntratt li l-Kumpanija Galea & Curmi Electrical Engineers għandha mal-Kumitat Konġunt t'Għawdex ikopri d-dawl tat-toroq u l-manteniment u mhux kuntratt għas-servizz ta' konsultazzjoni. Is-Segretarja Eżekuttiva bgħattet kopja ta' din l-*email* lill-membri tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan is-Sindku bagħat komunikat uffiċjali lis-Segretarja Eżekuttiva u lill-membri tal-Kunsill sabiex din is-sejħa tiġi sospiża.

Fl-24 ta' Lulju 2009, li jiġi fl-istess ġurnata ta' din il-laqgħa, is-Sindku u s-Segretarja Eżekuttiv irċevew *email* mid-Diaprtiment li tgħid li wara li l-istess Diaprtiment ħa konjiżjoni tad-dokumenti kollha wasal għall-konklużjoni li l-involvimentt ta' l-Enġiniera Galea & Curmi bħala konsulenza hija konformi mal-kuntratt li l-istess kumpanija għandha bħala Contracts Managers mal-kumitat konġunt t'Għawdex. Pero' l-involviment ta' l-Inġinier Stefano Dall'Osso f'din is-sejħa għall-offerti ma sarx skond kif jitolbu r-regolamenti u proċeduri finanzjaraji.

Is-Sindku propona li jsir awditjar intern fir-rigward ta' l-offerta kollha tal-proġett ta' Pjazza San Ġorġ. Dan sabiex il-Kunsill ikollu ċertifikazzjoni tax-xogħol kollu li sar s'issa bil-materja b'kollox. Hekk ikun jista' jħallas l-istess xogħol wara li jkunu ttieħdu l-pariri tekniċi kollha. Il-membri qablu ma dan is-suġġeriment. Għaldaqstant ser jitqabbdu persuni Maltin li huma ndipendenti kemm mill-Kunsill u kemm mill-partiti politiċi. Dawn huma l-Avukat Joe Caruana Scicluna u l-Perit Alan Saliba. Il-membri qablu li d-Direttur għal-Gvern Lokali jiġi mgħarraf b'dan.

Il-membri qablu li tinħareġ stqarrija rigward dan is-suġġett. Din tinsab annessa f'dokument A. L-istqarrija ser tintbagħat lir-radjijiet lokali, lill-parroċċi, lill-każini u fuq il-website tal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fis-19.00. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 6 ta' Awwissu 2009 fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiva |